kontra l-Côte d'Ivoire (ĠU L 93, p. 20), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 330/2011, tas-6 ta' April 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire (ĠU L 93, p. 10), sa fejn dawn jikkonċernaw lir-rikorrent.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Affi Pascal N'Guessan għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

3) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet għal proċedura mħaffa u għal sentenza bi prijorità.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-14 ta' Lulju 2011 — Winzer Pharma vs UASI — Alcon (OFTAL CUSI)

(Kawża T-160/09)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali OFTAL CUSI — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti Ophtal — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

1. *Trade mark Komunitarja — Dispożizzjonijiet proċedurali — Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 — Portata identika għal dik tal-Artikolu 253 KE (Artikolu 253 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 73) (ara l-punt 34)*

2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 96, 98)*

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-4 ta' Frar 2009 (Każ R 1471/2007-1), dwar proċedimenti ta oppożizzjoni bejn Dr. Robert Winzer Pharma GmbH u Alcon Inc.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Dr. Robert Winzer Pharma GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) u minn Alcon Inc.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-14 ta' Lulju 2011 — ratiopharm vs UASI — Nycomed (ZUFAL)

(Kawża T-222/10)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ZUFAL — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti ZURCAL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Restrizzjoni tal-prodotti indikati fl-applikazzjoni għal trade mark — Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 207/2009"